**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' April, 2016

Rikors numru : 108/16 AL

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet:

1. Illi l-esponenti izzewwget lill-intimat fl-20 ta' Lulju 1976, Dok A huwa ic-certifikat taz-zwieg; minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal – RD (illum ta' 36 sena) u GD (illum 31 sena);
2. Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment tant li l-partijiet ilhom li isseparaw u dan permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Anne Fenech Adami datat 24 ta' Frar, 2000 – Dok B;

3. Illi intant il-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn hames snin u fil-fatt ilhom separati permezz ta' kuntratt ghal perjodu ta' 16 il-sena;
4. Illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni;
5. Illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet u ma hemm ebda manteniment dovut ghat-tfal;
6. Illi l-attrici tixtieq tiprevalixxi ruhha mid-dritt li titlob u tottjeni id-divorzju u dan ai termin tal-Art 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Previa kull dikjarazzjoni li tkun necessarja tiddikjara u tordna li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-20 ta' Lulju 1976 jigi dikjarat xolt ai termini tal-Artiklu 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Marzu, 2016;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimat, prezenti fl-awla, jiddikjara li mhuwiex jopponi ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn hames snin u de jure separati mill-24 ta' Frar 2000;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.